*GUSTIZZJA NATURALI*

*NUQQAS TA' NOTIFIKA*

*STHARRIG GUDIZZJARJU TA' SENTENZA TAT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*

*KOMPETENZA TAL-QRATI ORDINARJI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017

**Kawza Numru : 18**
**Rikors Guramentat Numru : 909/2015/LSO**

**Mohib Abouzidan [K.I. NRU. 347204(L)]**

**vs**

**Akram Jrirah u b' digriet tal-15 ta' Marzu 2016 gew kjamati fil-kawza ir-Registratur tal-Qorti u d-**

**Direttur (Qrati Civili u Tribunali)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Mohib Abouzidan [K.I. NRU. 347204(L)] datat 29 ta' Settembru 2015 fejn espona: -

**DIKJARAZZJONI TA' L-OGGETT TAL-KAWZA**

1. Illi permezz ta' decizjoni datata 14 ta' Lulju, 2015 fl-ismijiet *"Akram Jrirah v. Mohib Abouzidan'* [Talba Nru. 66/2015 YMS], it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ikkundanna, lill-attur odjern (hemmhekk intimat), ihallas lill-konvenut odjern (hemmhekk rikorrent) is-somma ta' €2,170.00c, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez [*vide* "Dok: A" anness].

2. Illi, ghalhekk, permezz ta' tali proceduri u decizjoni, l-konvenut odjern (hemmhekk rikorrent) gie kanonizzat kreditur fil-konfront ta' l-attur odjern (hemmhekk intimat).

3. Illi tali fatt sehh *ad insaputa* ta' l-odjern attur, u gie a konjizzjoni tieghu solament wara illi sehh, u dan permezz ta' ittra legali mibghuta lilu mid-difensur patrocinanti lill-konvenut odjern datata 27 ta' Awwissu, 2015 [*vide*"Dok: B" anness] u kif ukoll minn tfittxijiet illi ghamel l-odjern attur precedenti l-intavolar ta' dan ir-rikors guramentat.

4. Illi kif jirrizulta mill-atti processwali tat-talba quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, l-attur odjern gie meqjus notifikat *ai termini* ta' l-Art. 187(3) Kod. Proc. Civ. (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

5. Illi kif jirrizulta wkoll mid-decizjoni succitata, it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ipproceda ghad-decizjoni tieghu wara li ha konjizzjoni tal-procedura kontemplata fl-Art. 698(2) u 702 Kod. Proc. Civ u ta' l-Art. 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u wara wkoll illi ha konjizzjoni tal-fatt illi l-attur odjern kien regolarment notifikat.

6. Illi l-attur odjern jirrisjedi fil-fond "Sunset Lodge", Flat 2, Triq l-Uqija, Swieqi filwaqt li l-procedura t'affissjoni sehhet band'ohra.

7. Illi hekk kif jirrizulta mill-atti processwali tat-talba quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, terza persuna (certu John Gauci) kien gharraf lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili (li min-naha tieghu kien prezenta nota fl-atti nhar l-4 ta' Mejju, 2015) li l-affissjoni ta' xi atti processwali relattivi ghall-proceduri gudizzjarji quddiem l-imsemmi Tribunal sehhew mat-*letterbox* tar-residenza tieghu (ta' John Gauci), liema atti gudizzjarji ma kienux konnessi mieghu [*vide* "Dok: C" anness].

8. Illi l-Art. 187(1) Kod. Proc. Civ. jirrikjedi illi notifika ssir bil-kunsinna tal-att gudizzjarju fil-lok fejn persuna tkun toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali ta' l-istess. L-artikolu 187(3) Kod. Proc. Civ. inoltre

irid illi kemm-il darba post ta' residenza ta' persuna jkun maghruf, l-att gudizzjarju ghandu jitwahhal mal-bieb ta' dik ir-residenza. Huwa ghaldaqstant car u inekwivoku illi n-notifika mwettqa permezz tal-procedura ta' l-affissjoni mill-konvenut odjern (rikorrent quddiem l-imsemmi Tribunal) kienet u hija wahda rregolari.

9. Illi minn dan johrog li l-odjern attur ma kienx gie ritwalment notifikat peress li n-notifika la sehhet f'post li kien jabita fih u lanqas f'post li hu x-xoghol tieghu u dan peress li l-procedura ta' l-affissjoni sehhet ma' post li jsejjah lil terza persuna (certu John Gauci) estraneja ghall-istess attur odjern.

10. Illi in oltre, jirrizulta wkoll li fl-atti quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, fejn jidher isem l-odjern konvenut, hemm indikat in-numru tal-karta ta' l-identita ta' l-odjern attur. Fi kliem iehor, in-numru t'identita 347204(L) gie, ghal xi raguni, ko*stante*ment abbinat mal-konvenut odjern, mentri fir-realta` tali numru t'identita` huwa ta' l-odjern attur. Dan jidher fl-"Avviz tat-Talba", fl-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern u f'dak mehud minn Gazzetta Lokali u sahansitra fl-okkju tad-decizjoni ta' l-imsemmi Tribunal *[vide* "Dok: D", "Dok: E" u "Dok: F" annessi].

11. Illi l-ligi procedurali hi ta' ordni pubbliku u ghandha tigi segwita *ad litteram* u *ad unguem* u ma tistax tigi suplantata b'xi forma ta' ekwipollenza jew prassi ohra. Huwa ghalhekk li l-ligi taghna espressament tippreskrivi li, *"Kull uzu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-*

*disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici m'ghandux ikollhom effett."* [Art. 1009 Kod. Proc. Civ.].

12. Illi l-ghemil ta' l-odjern konvenut u n-nuqqas tieghu illi jhares u jwettaq htigijiet procedurali mandatorji, iwassal ghall-irregolarita` hawn fuq imsemmija, u bhala konsegwenza l-attur odjern ma nghatax l-opportunita` illi jigi mpoggi f'pozizzjoni li jiddefendi l-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

13. Illi ghalhekk kellha tigi ntavolata din il-kawza biex jinkiseb rimedju ghall-pregudizzju soffert.

14. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-attur odjern.

**RAGUNI TAT-TALBA**

1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili tal-kontendenti mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza succitata, ma gewx skrupolozament osservati r-regoli procedurali, liema regolament ma jistghu qatt jigu sorvolati jew trattati b'leggerezza *stante* li jikkompetu lill-ordni pubbliku *qua* regoli ta' procedura ritwali destinati li jistabbilixxu l-kontradittorju bejn il-kontendenti.

2. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili tal-kontendenti mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza succitata, l-attur odjern ma nghatax l-opportunita ` illi jiddefendi l-kaz tieghu *stante* illi ma kienx regolarment notifikat.

3. L-atti processwali quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar - li wasslu ghad-decizjoni (titolu ezekuttiv) tal-14 ta' Lulju 2015 - kienu u ghadhom jikkontjenu zbalji u zvisti li ma setghu qatt jigu traskurati jew sorvolati.

4. Peress illi din l-Onorabbli Qorti ghandha l-gurisdizzjoni illi tissindika l-operat tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kazijiet preskritti mil-Ligi u stabbiliti mill-gurisprudenza, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri biex jinkiseb rimedju u d-deskritta sitwazzjoni anomala tigi radrizzata u/jew rettifikata.

**TALBIET**

Ghaldaqstant, ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, fid-dawl ta' dak registrat fil-prezenti rikors guramentat u dipendenti mill-provi li ser jitressqu u prevja kull dikjarazzjoni ohra permessa mil-ligi u moghtija l-provvedimenti u dikjarazzjonijiet opportuni, jogghobha –

I. Tiddikjara illi l-atti processwali quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar li jgorru t-Talba Numru 66/2015/YMS fl-ismijiet *"Akram Jrirah v. Mohib Abouzidarf'* jikkontjenu zbalji u zvisti la ma setghu qatt jigu traskurati u li l-istess jinficjaw ir-regolarita' u l-validita' ta' l-istess proceduri;

II. Tiddikjara illi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 14 ta' Lulju 2015 li ggorr it-Talba Numru

66/2015/YMS fl-ismijiet *"Akram Jrirah v. Mohib Abouzidan'* hi nulla, invalida u minghajr effett;

III. Tiddikjara konsegwentement illi kwalsiasi att gudizzjarju li hu msejjes fuq tali decizjoni hu wkoll invalidu, null u bla ebda effett u dan skont dak li jiddisponi l-Art. 98 Kod. Proc. Civ. [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta];

IV. Tordna t-tehid ta' kwalsiasi provvediment opportun ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti thoss necessarju fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni; b'rizerva ghal kull azzjoni ohra li tikkompeti lill-attur skont il-Ligi, jew l-aventi kawza tieghu, kontra l-konvenut, jew l-aventi kawza tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta’ Novembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata Akram Jrirah (ID 0103098(A)) datata 16 ta’ Novembru 2015 (fol 22) fejn espona :-

1. Illi preliminarjament il-procedura odjerna hija guridikament insostenibbli *stante* illi ma hi bbazata fuq l-ebda dispozizzjoni tal-ligi.

2. Illi preliminarjament ukoll m'hemmx integrita' ta' gudizzju ghaliex *se mai* kellu jigi citat ukoll ir-Registratur tal-Qorti.

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu anke kieku verament saru l-mankanzi lamentati dawn m'humiex ta' tali portata li jwasslu ghan-nullita tal-proceduri.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 24 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Kevin Camilleri Xuereb u Dr Anthony Cutajar ghall-attur. Deher il-konvenut li ddikjara li jifhem bil-Malti. Id-difensuri tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux. Dr Kevin Camilleri Xuereb ghall-attur irrileva li *in vista* tal-ewwel (1) eccezzjoni preliminari li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq il-ksur tal-principji tal-gustizzja naturali senjatament il-principju ta' 'audi alteram partem' liema principji huma rikonoxxuti mill-Qrati taghna u liema principji huma llum il-gurnata kodifikati fl-artikolu 3 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet. L-istess azzjoni hi rikonoxxuta fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, hekk kif juru s-sentenzi **"Micallef vs A&M Printing Ltd"** - Deciza 15.02.2013, "Felice Morina vs Spiteri" - Deciza 26.03.1953 u "**Caruana vs Attard"** - Deciza 22.11.1951. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) eccezzjoni preliminari gie rilevat li l-gudizzju huwa integru u li ma hemmx bzonn li r-Registratur tal-Qorti jippartecipa fi proceduri bhal dawn. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza "Jrirah Akram vs Abouzidan Mohib" - Cit Nru 66/2015/YMS u tas-sentenza deciza fl-14 ta' Lulju 2015. Ir-rikorrent ried jipprezenta l-affidavits tieghu sal-15 ta' Jannar 2016 bin-notifika/*visto* tad-difensuri tal-

kontro-parti. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghall-20 ta' Jannar 2016 fid-9:30am.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 15 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-intimat assistit minn Dr Joseph Gatt. Dehru wkoll Dr Kevin Camilleri Xuereb u Dr Anthony Cutajar ghar-rikorrent. Xehdu bil-gurament taghhom John Gauci u Emanuel Sciriha, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Kevin Camilleri Xuereb ghall-attur b'referenza ghat-tieni (2) eccezzjoni, talab illi sabiex il-proceduri jkunu integri hemm lok illi jissejjah fil-kawza ir-Registratur tal-Qorti u/jew id-Direttur (Qrati Civli u Tribunali). Il-Qorti rat it-tieni eccezzjoni u billi jidhrilha li t-talba hija gustifikata, ordnat il-kjamat fil-kawza tar-Registratur tal-Qorti u tad-Direttur (Qarti Civli u Tribunali). Il-kawza giet differita ghall-gheluq tal-provi tar-rikorrent u tan-notifika u risposta tal-kjamati in kawza ghas-26 ta' Mejju 2016 f12:30p.m. (30 minuta).

Rat ir-risposta guramenta tal-kjamat in kawza d-Direttur Qrati Civili u Tribunali datata 9 ta' Mejju 2016 a fol 54 tal-process fejn Emanuel Sciriha (ID 22361(M)) ddikjara u eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari l-eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur ghal-lanjanzi attrici u gie traxxinat f'dawn il-proceduri inutilment u ghalhekk l-eccipjenti ghandu jigi Iliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju l-eccipjenti esegwixxa n-notifika kif indikat fil-*folder* relattiv u l-informazzjoni hemm kontenuta u meta l-eccipjenti gie a konjizzjoni tal-fatt li l-affissjoni sehhet f'fond li kien ta' terz, huwa mill-ewwel ha hsieb igib tali fattur a konjizzjoni kemm tat-Tribunal innifsu u kif ukoll tal-konvenut odjern billi esebixxa inkartament relattiv fil-process.

3. Illi in mertu l-eccipjenti jirrileva li t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 19 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti l-intimat. Dr David Camilleri irrinunzja ghall-kontro-ezamijiet u ddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri tal-partijiet talbu zmien biex jaghmlu noti ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet t-talba, u akkordat lir-rikorrent sal-10 ta' Marzu 2017 u l-intimati jkollhom xahar min-notifika tan-nota ghat-twegiba taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2017 fid-9:30a.m. Aktar tard deher Dr Noel Bartolo li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur datata 23 ta' Jannar 2017 a fol 107 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-kovenut datata 13 ta' Frar 2017 a fol 112 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi b'din l-azzjoni r-rikorrenti qed jitlob li sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar tigi dikjarata nulla minhabba irregolaritajiet fl-atti u minhabba ksur tal-principju ta' gustizzja naturali - *audi alteram partem.*

Illi apparti eccezzjonijiet fil-mertu, l-intimat eccepixxa li l-azzjoni hija improponibbli billi mhix ibbazata fuq l-ebda disposizzjoni tal-Ligi. Da parti tieghu, l-kjamat fil-kawza eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur u, fil-mertu, li kien ha hsieb li jgib il-karenza fin-notifika a konjizzjoni tal-gudikatur fil-kawza deciza.

**Rizultanzi Fattwali:**

Jirrizulta li nghatat decizjoni mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar datata 14 ta' Lulju 2015. Izda, r-rikorrent fil-kaz in ezami, (l-intimat f'dak il-kaz), qed jilmenta li ma giex notifikat bl-atti, peress li n-notifika saret ma' dar ta' residenza ohra li ma tappartjenix lilu. Ghalhekk, jirrizulta, li sar jaf b'dan meta rcieva l-ittra legali esebita mar-rikors promotur, Dok B (fol 10) tal-process. Ghaldaqstant, qed jipprocedi bil-kaz odjern, sabiex din il-Qorti tissindika l-karenza tan-notifika waqt il-proceduri tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar, *stante* li dan jista' jmur kontra l-ekwita` u l-principji ta' gustizzja naturali.

Inoltre ppremetta li fl-atti gudizzjarji quddiem it-Tribunal l-attur f'dawk l-atti (l-intimat odjern) gie indikat b'referenza ghan-numru tal-karta tal-identita' tar-rikorrent odjern u dan sehh partikolarment fl-Avviz tat-Talba, fl-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern, u sahansitra fl-okkju tal-kaz.

**Provi:**

**Mohib Abouzidan** xehed permezz ta' affidavit (fol 27) fejn qal li meta rcieva l-ittra f'Awwissu 2015, fejn gie nfurmat li kien gie deciz kaz fil-konfront tieghu fl-14 ta' Lulju 2015, hu kien sorpriz, peress li ma kienx jaf precedentement dwar il-proceduri kontrih. Spjega li hu joqghod "Sunset Lodge" Flat 2, Triq Uqija Swieqi u mhux "Sunset, 147, Triq Uqija l-Ibragg, Swieqi, fejn fil-fatt twahhlu l-atti u kkonferma li mal-bieb tad-dar tieghu qatt ma rcieva xejn.

**John Gauci** xehed (fol 49)[1] dwar l-ittra esebita a fol 12, u kkonferma li l-indirizz tieghu huwa 'Sunset' 147, Triq Uqija ta' l-Ibragg, Swieqi, li hija dar. Izda, qal li jaf li l-isfel fl-istess triq hemm blokka appartamenti li jisimha 'Sunset Lodge' fejn kienu joqghodu fiha barranin. L-ittra a fol 12, ikkonferma li kitibha hu peress li kien gie l-Qorti bl-atti li rcieva hu personalment, peress li kien dover tieghu jaghmel hekk. Semma li ma jistax jindika fi x'hin kien gie l-Marixxall tal-Qorti peress li sab l-atti mwahhlin mal-*letter box.*

**Emmanuel Sciriha**, Registratur Qrati Civili u Tribunali, xehed (fol 53)[2] u kkonferma li, meta xi hadd jigi notifikat

---

[1] Seduta tal-15 ta' Marzu 2016
[2] Seduta tal-15 ta' Marzu 2016

b'atti li mhumiex tieghu, il-procedura hi li jigi l-Qorti, u jaghmel dikjarazzjoni li dawn l-atti mhumiex tieghu, u sussegwentement id-dikjarazzjoni, flimkien mal-atti jigu pprezentati fil-kawza. F'dan il-kaz qal li hu ghadda l-atti u d-dikjarazzjoni lil Dr. Yvette Borg biex tipprezentahom fil-kawza.

**Savio Borg**, Ufficjal tal-Kummissjoni Elettorali, xehed (fol 94-97)[3] dwar Mohib Abouzdan, fejn qal li l-ewwel darba li deher fir-Registru Elettorali, kien f'April 2005, fejn kien registrat f'indirizz il-Marsa, imbaghad, minn April 2011, beda jidher registrat fl-indirizz 'Sunset Lodge' Flat 2, Triq l-Uqija, Swieqi. Qal ukoll, li r-Registru Elettorali johrog darbtejn f'sena.

**Akram Jrirah** xehed permezz ta' affidavit (fol 99-100) fejn qal li Mohib Abouzidan kien jaghmel xoghol ta' kisi bi shab mieghu, u Mohib kien sussegwentement ihallsu bil-metru. Qal li kellu jircievi ammont ta' elfen, mija u sebghin ewro (€2,170) peress li hu ma kienx qed jaqbel mal-kejl kalkolat minn Mohib.

Il-**Marixxal John Francica** xehed (fol 103-105)[4] li qal li kellu jwahhal in-notifika ma' 'Sunset Lodge' u minflok hu wahhalha mad-dar 'Sunset'. Qal li hu kellu jwahhalha ma' 'Sunset Lodge', li hemmhekk fil-post kienet 'Sun et Lodge' b'ittra nieqsa, kif jidher a fol 41, u minflok huwa wahhalha ma' 147, 'Sunset', kif jidher a fol 42, izda kkonferma li hu kellu miktub li kellu jahgmel in-notifika ma' 'Sunset Lodge'.

[3] Seduta tas-26 ta' Mejju 2016.
[4] Seduta tas-17 ta' Novembru 2016.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

Ikkonsidrat li l-kwistjoni quddiem din il-Qorti mhix biss wahda fattwali imma anke legali in kwantu li l-intimat issolleva l-improponibilita' tal-azzjoni odjerna permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu.

**Eccezzjonijiet Sollevati**

Illi gie kkjamat fil-kawza ir-Registratur tal-Qorti u tad-Direttur (Qrati Civili u Tribunali) kif awtorizzata permezz ta’ digriet datat 15 ta’ Marzu 2016 (fol 36), ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimat:**

*Illi preliminarjament il-procedura odjerna hija guridikament insostenibbli stante illi ma hi bbazata fuq l-ebda dispozizzjoni tal-ligi*

Illi l-intimat eccepixxa li l-kaz odjern huwa insostenibbli *stante* li mhuwiex ibbazat fuq l-ebda dispozizzjoni tal-ligi. Fin-nota tieghu l-intimat sostna li din il-Qorti ghandha d-dritt li tissindika l-operat ta' tribunali specjali meta dawn jiksru xi principju ta' dritt naturali bhal ma hu l-principju ta' l-*audi alteram partem.* Madanakollu jissottometti li tali rimedju jista' biss jigi ottenut permezz ta' ritrattazzjoni jew azzjoni abbazi tal-artiklu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar din l-ewwel eccezzjoni, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrent, saret referenza ghall-verbal datat 24 ta’ Novembru 2015, fejn hemm sensiela ta’ sentenzi, li gew

ezaminati b'mod aktar approfondit fin-nota, fejn, minhabba karenza fin-notifika, gie sottomess li hu rikonoxxut li l-Qrati ordinarji ghandhom il-gurisdizzjoni jissindikaw l-operat ta' dak it-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt - It-Tieni Talba**

Illi din il-Qorti ser tikkonsidra t-tieni talba qabel l-ewwel peress li, kif ser jirrizulta, hija din it-talba li ser tigi akkolta u l-gurisprudenza hemm citata toffri l-linji gwida ghas-soluzzjoni tal-ewwel talba attrici.

Illi t-tieni talba tindirizza n-nullita' tal-proceduri *stante* vjolazzjoni tal-principju tal-*audi alteram partem*.

Illi bhala punt preliminari huwa indiskuttibbli li n-nuqqas ta' notifika ta' l-atti twassal ghal dik il-vjolazzjoni ta' wiehed mill-principji tal-gustizzja naturali (*audi alteram partem)* in kwantu l-parti konvenuta ma tkunx inghatat l-opportunita` li tiddefendi ruhha kontra l-pretiza tal-parti l-ohra. Hi proprju din l-allegata lezjoni tal-principju li tifforma l-bazi tal-lanjanza odjerna.

Ikkonsidrat li skont **l-artikolu 9 tal-Att Dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta)**

*"9. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull regola magħmula skont l-artikolu 16 u skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ġudikatur jirregola l-proċedimenti*

*quddiem Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-ġustizzja naturali."*

**Skont l-artiklu 16 (2) tal-istess Kap 380:**

*"In-notifika ta' atti ġudizzjarji skont dan l-Att għandha titwettaq bl-istess mod kif provdut għan-notifika tal-atti ġudizzjarji fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kemm-il darba l-Ministru, b'regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, ma jipprovdix xort'oħra."*

Ta' rilevanza ghall-argumenti li ser jigu trattati huwa **l-artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta li r-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża.

Illi l-qofol tal-argument tal-intimat *sic et simpliciter* huwa li r-rikorrent kellu jesperixxi l-azzjoni skont id-disposti tar-ritrattazzjoni u **tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**Artikolu 469A** tal-ligi kjarament "*jissoggetta lil kull persuna u lil kull Awtorita' li taqdi funzjoni pubblika, ghall-iskrutinju tal-qrati bil-ghan li jigi accertat li l-poter lilhom moghti qed jigi ezercitat skont u fil-limiti tal-ligi, kemm ordinarja kif ukoll u dik kostituzzjonali*." **"Il-Kummissarju tal-Pulizija -v- Edgar Borg."[5]**

[5] PANC- dec. 22 ta' Ottubru 2004 (Cit. 1209/2003).

Din it-tezi hija kkontestata mir-rikorrent li jissottometti li l-qrati ordinarji ghandhom il-gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar minhabba ksur tal-principji ta' gustizzja naturali u tal-irregolaritajiet riskontrati fil-process.

Ikkonsidrat li fi skorta ta' sentenzi moghtija mill-qrati taghna, ad ez. fl-ismijiet **"Dottor Vincent Falzon *nomine* vs Isabelle Grima"** (Vol. LXXVII. Ii. 292) (Qorti tal-Appell tas-17 ta' Mejju 1993) u **"Wilfred Privitera vs Anthony Bonello"** (Qorti tal-Appell tal-11 ta' Frar 1993) inghad illi ghalkemm Tribunal jew Bord jista' jinghata b'ligi il-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici, bl-eskluzjoni tal-Qrati ordinarji, l-istess qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindakaw l-operat tal-istess Tribunal u s-sentenzi tieghu *"pero' limitatament ghall-tliet kategoriji ta' difetti - (a) eccess ta' gurisdizzjoni, (b) nonosservanza ta' l-istess ligi kostitwita - …… u finalment (c) non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja".*

(Ara wkoll tal-istess portata s-sentenza citata mill-attur fl-ismijiet **"Thomas Montalto vs Maggur Stanley J. A. Clews et"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Mejju 1987 (Vol. LXXI. iii. 688).

Illi izda, din il-Qorti taqbel mal-principji enuncjati mill-Qrati taghna li l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati li jistharrgu ghemil amministrattiv ghandha tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika, persuna kellha rimedju

effikaci u xieraq disponibbli ghaliha u hija naqset li tirrikorri ghalih bla raguni tajba.

Illi fondamentali hija l-osservazzjoni li l-kawza in mertu deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghaddiet in gudikat.

Illi fil-kaz fl-ismijiet **Rapa Brothers Co. Ltd. vs Socjeta' Cranes and Commercial Sales Limited,** deciza mill-Qorti tal-Appell, (PS (13/2002/1) fis-16 ta' Settembru 2004, il-Qorti ghamlet studju approfondit tal-istitut ta' *restitutio in integrum* u gie ribadit li :

*"Fondamentali f'din is-sentenza*[6] *hi r-riflessjoni illi bis-sahha tal-ligijiet il-godda r-rimedju tar-restituzzjoni kellu jitqies abolit bhala kuntrarju u nkonsistenti mar-rimedju tar-*ritrattazzjoni. Intqal a propozitu "*Del resto anqas jidher li jaghmel sens illi l-ligi mill-banda l-wahda tghid (kif jghid l-artikolu 816 (illum art. 813) tal-Kodici ta' Procedura) illi r-ritrattazzjoni ma tinghatax hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 814 (illum 811) u tistabbilixxi z-zmien perentorju li fih ir-ritrattazzjoni tista' tintalab, u fl-istess hin, wiehed jippretendi mill-banda l-ohra illi b'dana kollu, sentenzi jistghu jigu revokati u l-kawzi ritrattati f'kazijiet ohra wkoll indeterminati meta suppost ikun hemm "gusta kawza" u bla regolament la ta' forma u l-anqas ta' zmien u dan b'rimedju iehor li, ghal kull effett u fini prattiku, mhux hlief ritrattazzjoni b'isem iehor"*

Il-Qorti ghaldaqstant qieset li :"*Jidher li din l-enuncjazzjoni twiegeb sew l-argument sottomess mis-socjeta` appellanti*

[6] "**Leone Misrahi -vs- Giuseppe Cassar et**", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Lulju 1965,

*illi, skont kif intiz minnha, id-dritt ta' azzjoni taghha jemani minn principju fundamentali u mhux minn xi artikolu partikolari tal-ligi. Argument dan anti-guridiku u li, kif manifest, hu ghal kollox kuntrarju ghall-interpretazzjoni moghtija fl-accennata* sentenza."

**Illi fil-kaz fl-ismijiet Caterina Gerada –vs- Avv. Dr. Antonio Caruana**", Appell Civili, 28 ta' Gunju 1973: *"Meta l-ligi taghti l-mezzi sabiex fl-interess taghhom il-partijiet jaghmlu uzu minnhom halli jwaqqghu sentenzi, anke li tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jigux fil-fatt minnhom adoperati huma ma jibqghalhomx rimedju iehor ghal dak il-fini, u dan barra milli ghar-ragunijiet li ntqalu fuq ghall-presunzjoni tal-verita`, li ghandha jkollha setgha u tikkopri kwalunkwe kawza ta' nullita`, peress illi l-kawzi ghandhom ikollhom terminu u jispiccaw xi darba".*

Ukoll fil-kaz fl-ismijiet "**Martin Farrugia -vs- John Mifsud et**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996 [7]gie deciz illi l-azzjoni ghan-nullita` tas-sentenza hi manifestament insostenibbli. "*L-attur infatti qed jittanta procedura gdida li l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ma jikkontemplax u ma jippermettix bhala rimedju kontra l-allegat difett fil-proceduri quddiem Qorti ta' revizjoni ….. L-uniku rimedju straordinarju li l-ligi ta' procedura tikkontempla ghar-revizjoni ta' sentenzi li ghaddew in gudikat huwa l-istitut tar-ritrattazzjoni li jippermetti s-smigh mill-gdid tal-kawza f'kazijiet specifici".*

[7] L-attur f'din il-kawza kien qed jittenta jimpunja sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inf.)

Pertinenti wkoll ghall-mertu tal-kawza odjerna hi din l-osservazzjoni rakkolta mis-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "**Salvatore Fenech -vs- Emmanuele Borg**",[8] 3 ta' April 1962:

*"Jekk sentenza tinghata meta l-konvenut ma kienx gie notifikat bl-att tac-citazzjoni, r-rimedju tal-konvenut biex jimpunja dik is-sentenza mhuwiex dak li jitlob b'kawza ohra n-nullita` ta' dik is-sentenza, imma jew ir-rimedju ordinarju tal-appell, jew ir-ritrattazzjoni".*

Gja qabel din kien gie ravvizat illi anke sentenza kuntrarja ghall-istess ligi jew pronunzjata minn imhallef inkompetenti, meta ma tkunx tista' tigi aktar ritrattata, takkwista awtorita` ta' *res judicata*. (Ara f'dan is-sens decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Cassar Parnis -vs- Gustavo Soler noe**", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Marzu 1949).

Illi izda, l-kaz odjern jikkoncerna sentenza moghtija minn Tribunal kwazi-gudizzjarju u li ghaliha ma tapplikax l-istitut tar-ritrattazzjoni.

Hekk kif gie ritenut fis-sentenza **Dennis Mifsud vs Albert Degiorgio**[9] "*fil-kaz in dizamina l-legislatur ma hasibx ukoll ghall-provvediment tad-dritt tar-ritrattazzjoni quddiem it-Tribunal. Li jfisser illi kieku din il-Qorti kellha tammetti dan id-dritt tkun qed tinoltra ruhha f'kamp li di diritto mhux rizervat lilha. L-invokazzjoni ghall-principju tal-ekwita` ma ggibx ghal daqshekk illi r-ritrattazzjoni hi permissibbli anke*

[8] It-talba kienet tirrigwarda sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.
[9] App Civili (Inf): 1139/2002 PS deciz fil-11 ta' Frar, 2004

*fejn dan mhux konsentit jew akkordat skont il-volonta` tal-ligi."*

Il-Qorti kompliet: "*Il-Qorti tissimpatizza mal-veduti tal-appellanti espressi fl-aggravju tieghu, anke jekk ghal vers iehor ma tistax takkoljihom. Jibqa' l-fatt illi anke jekk il-ligi specjali ma tipprovdix ghar-ritrattazzjoni dan ma jfissirx illi l-appellanti ma ghandux rimedju konsimili ghal dak ottenut fil-kaz ta'decizjoni mit-Tribunal Industrijali. Dan ghaliex hu ben rikonoxxut illi l-Qrati ordinarji jibqghalhom il-gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat ta' dak it-Tribunal f'kaz fejn dan ikun mar 'ultra vires' jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew fejn is-sentenza tkun kontra xi ligi miktuba. Dan apparti wkoll ir-rimedju kostituzzjonali biex jithassru sentenzi. Ara a propozitu "**Cuschieri vs Prim Ministru et", Qorti Kostituzzjonali**", 7 ta' Frar 1996.*

*Hemm imbaghad is-sentenza fl-ismijiet "**Giuseppe Felice Morina –vs- Edward Spiteri", Prim'Awla, Qorti Civili, 26 ta' Marzu 1953**. Minnha hu dezumibbli illi fejn ligi partikolari ma tipprovdiex ir-rimedju, u jkun jezisti kaz ta' vjolazzjoni ta' wiehed mill-principji ta' gustizzja naturali, dan jista' jigi re-integrat mit-tribunal ordinarju "fl-assenza ta' rimedji statutorji specifici"."*

Illi l-qorti taqbel ma' dan l-insenjament. Stabbilit li sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma tistax tigi ritrattata, tibqa' l-kwistjoni jekk ir-rikorrent kellu jipprocedi fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif qed jippretendi l-konvenut.

**Applikabilita' tar-rimedju kontemplat bl-Artiklu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi jigi nnotat li s-sentenzi citati ta' **Dennis Mifsud vs Albert Degiorgio** u **Rapa Brothers Co. Ltd. vs Socjeta` Cranes and Commercial Sales Limited** huma posterjuri ghall-introduzzjoni tal-artikollu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta[10] u fl-ebda wiehed minnhom ma sar xi accenn ghal tali procedura. L-intimat jaghmel riferenza ghas-sentenza preliminari fil-kaz **Anthony Busuttil et vs Louis Zammit** (131/2003 deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-26 ta' Ottubru 2005) li kien jitratta l-eccezzjonijiet preliminari dwar jekk dik il-Qorti kinitx kompetenti sabiex tissindika decizjoni tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar. Gie deciz hekk:

"*Billi gja ntqal illi l-unika rimedju illi l-atturi kellhom taht il-Kap 380 kien dak ta' appell mid-decizjoni tat-Tribunal, u dan allegatament ma setghux jaghmluh ghax ma gewx notifikati kif suppost bil-kawza, ……..ma kien baqghalhom ebda triq ohra ghajr li jirrikorru ghall-qrati ordinarji, kif fil-fatt ghamlu bil-kawza prezenti, f'tentattiv li jiksbu r-rimedju mixtieq."* (F'dan is-sens, ara wkoll "**Joseph Micallef vs A&M Printing Limited**", 25/2012 Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri deciza fil-15 ta' Frar 2013)."[11]

Il-Qorti izda, kompliet:

---

[10] Introdott bl- Att XXIV. 1995. 201

[11] Per Mag. Dr. Josette Demicoli

*"Dan ir-rimedju jipprovdih l-artiklu 469A tal-kap. 12, introdott fil-liġi proċedurali tagħna bl-emendi tal-1995, li nkorporaw il-ġurisprudenza lokali in materja dwar l-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, żviluppata matul is-snin."*

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi.

Skont **l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** l-Awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi.

Ta' interess ukoll li :

Fl-**Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika** (Kap. 497) "*entita` tal-Gvern"* tfisser "*organizazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, agenzija tal-Gvern jew socjeta' kummercjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'ligi.*"

Illi gie deciz li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu funzjoni gudizzjari u jaghti garanziji xierqa ghal smigh gust fid-determinazzjoni ta` kwistjonijiet ta` natura civili (ara **"Kenneth Brincat vs Avukat Generali et",** deciza fl-10 ta` Jannar, 2003[12]). Inoltre t-Tribunal ghandu funzjoni li jiddetermina kwistjonijiet ta` natura civili, huwa mwaqqaf bil-ligi, u huwa presjedut minn gudikatur li ghandu terminu fiss mhux rinovabbli. Effettivament it-Tribunal jaqdi l-

[12] PA (Kost.)

funzjoni ta' Qorti (*vide* PA (Kost) per On. Imhallef T Mallia fil-kaz **Anthony Grech v Claire Calleja et.** - dec 29/10/2007).

Madanakollu irid jigi precizat li, kif enuncjat mill-On. Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza revokatorja taghha fl-ismijiet **Anthony Grech v Claire Calleja et. (dec. 29 ta' Frar 2008)** it-Tribunal mhuwiex "Qorti" ghall-fini tal-procedura ta' referenza kostituzzjonali u konvenzjonali (art 46(3) tal-Kostituzzjoni u 4(3) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u ma jiffurmax parti mill-istruttura gudizzjarja fit-termini procedurali ta' dawk l-artikoli. B'danakollu dan ma jnaqqasx mill-konsiderazzjoni li t-Tribunal jista' jaqa’ fid-definizzjoni ta’ xi wiehed jew aktar mid-disposizzjonijiet sostantivi li jipprotegu dritt fondamentali (taht il-Kostitizzjoni jew taht il-Konvenzjoni).

Illi dan premess, il-kwistjoni kollha tindirizza l-kompetenza ta' din il-Qorti li tissindaka l-operat tat-Tribunal fil-limiti fuq espressi - senjatament jekk il-kompetenza taghha temani il-gurisdizzjoni generali taghha jew hija cirkoskritta bit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan il-punt gie ccarat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kaz **Direttur Generali tal-Qrati v Pinu Axiaq** (Dec fit-3 ta' Marzu 2006) fejn gie ritenut li :

*"...taqbel perfettament mal-konkluzjoni ta’ dik il-Qorti*[13] *illi l-istharrig gudizzjarju ta’ tribunali gudizzjarji jew kwazi-*

[13] Il-Qorti tal-ewwel grad.

*gudizzjarji, bhalma huwa t-Tribunal in kwistjoni[14], ma jistax isir in forza ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. L-Artikolu 469A(1) jipprovdi li l-qrati ta' gustizzja ta' kompetenza civili, ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet imsemmija fl-istess artikolu. Skont is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu, il-frazi "'ghemil amministrattiv' tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ...". L-istess sub-artikolu jipprovdi li l-frazi 'awtorita` pubblika' tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi."*

*"Huwa car li fil-waqt li d-Direttur Generali tal-Qrati jista' jaqa' fid-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" ghall-fini ta' din id-disposizzjoni, tali disposizzjoni ma tistax tinkludi tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju. Din kienet ukoll il-konkluzjoni ta' din il-Qorti (diversament komposta fis-sentenza* ***L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Kummissjoni Elettorali et*** *deciza fit-18 ta' Ottubru 1996. U wara li waslet ghal din il-konkluzjoni, din il-Qorti kompliet tghid hekk:*

*"L-attur allura, qed jesperixxi d-dritt ta' azzjoni skont il-ligi ordinarja minn zmien rikonoxxut li tinvesti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili b'gurisdizzjoni originali li tipprovdi rimedju fejn awtorita` gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja teccedi l-*

[14] It-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji

*gurisdizzjoni taghha jew tissanzjona illegalita`. 'Illum hu car li l-Qorti (Civili) tista' tissindaka l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotezi tal-ligi, u dan minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord. La l-Ligi afdat dik il-funzjoni kwazi-gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi" (**Joseph Farruga v. Emanuel Cilia Debono** – 10 ta' Gunju 1987 – PA; ara wkoll **Montalto v. Chircop** – PA 18 ta' April 1987; **Norman Rossignaud noe v. Gontram Borg noe** – PA 19 ta' April 1990; **Anthony Borg Cardona v. Joseph Busuttil et** noe – 5 ta' Ottubru 1994, PA u ohrajn.[15]"*

Ghalhekk jidher li l-Qrati Maltin irritenew illi s-setgha taghhom li jissindikaw decizjonijiet ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji, temani mill-gurisdizzjoni ordinarja li l-ligi (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12, Artikolu 32(2)) tikkonferixxi lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li tiehu konjizzjoni ta' kawzi ta' natura civili li ma jkunux jaqghu fil-gurisdizzjoni ta' xi qorti ohra bis-sahha ta' xi ligi ohra[16].

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza sucitata **Direttur Generali v Pinu Axiaq** ikkonkludiet:

[15] Ara wkoll fl-istess sens Eden Leisure Group Ltd. v. Salvino Borg D'Anastasi deciza minn din il-Qorti (S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano u Onor. Imhallfin Anton Depasquale u Alberto Magri) fis-27 ta' Gunju 2003.

[16] Gie ritenut mill-istess Qorti ta' l-Appell li "It-tibdil fil-lokuzzjoni tal-Artikolu 32(2) b'rizultat ta' l-emendi introdotti bl-Artikolu 16 tal-Att XXXI tal-2002 fil-fehma tal-Qorti ma jbiddlu xejn fis-sustanza minn dan il-principju."

"*Fid-dawl ta' dan kollu, l-azzjoni ta' l-appellant ghal stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tat-Tribunal de quo tista' biss tigi ikkunsidrata mill-Qorti fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha li tinkludi fiha s-setgha li tivverifika l-legalita` ta' pronunzjamenti ta' tribunali gudizzjarji u kwazi-gudizzjarji. Huwa veru li, kif osserva l-appellant, l-istharrig gudizzjarju taht l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u l-istharrig gudizzjarju in forza tal-gurisdizzjoni generali konferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, jista' fis-sustanza ikun fil-prattika simili jekk mhux identiku, billi fiz-zewg kazi l-ezercizzju huwa dejjem dak li jara li l-ghemil amministrattiv f'kaz wiehed u l-pronunzjament tat-tribunali amministrattivi fil-kaz l-iehor jkunu fil-parametri tal-ligi. Pero` dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-Kap 12 jikkonferixxi din is-setgha lill-Prim Awla taht zewg disposizzjonijiet separati."*

Huwa ghalhekk evidenti li l-azzjoni odjerna hija guridikament proponibbli. Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

**<u>*Fattispecje* tal-kaz fir-rigward tan-notifika:</u>**

Illi hawnhekk, irid jigi indagat jekk l-ilment tar-rikorrent, li kien hemm ksur tal-principji fondamentali tal-gustizzja huwiex fondat. Illi kif inhu ghalhekk assodat fil-gurisprudenza taghna "………*l-Qrati ordinarji jibqghalhom il-gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat ta' dak it-Tribunal f'kaz li dan ikun mar 'ultra vires' jew kontra r-regola ta' gustizzja naturali* (**Cuschieri vs Prim Ministru et,** Qorti Kostituzzjonali, deciz fis-7 ta' Frar 1996).

Illi jirrizulta minn ezami akkurat tal-provi u tal-atti tal-kaz, li l-affissjoni li saret mal-bieb biex tinnotifika lil Mohib Abouzidin, saret ma' bieb ta' fond differenti minn fejn kien jirrisjedi hu, u ovvjament il-fond fejn saret l-affissjoni kien apparteneti lil persuna differenti. Konsegwentement, irrizulta, li l-istess persuna, li gie erronjament notifikat, John Gauci, pprezenta l-atti li gie notifikat bihom, (li ma kinux jappartjenu lilu) li gew ipprezentati permezz ta' nota minn Dr. Yvette Borg, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qorti, sabiex dan il-fatt ingieb a konjizzjoni tat-Tribunal. *Nonostante* dan, fis-seduta sussegwenti quddiem it-Tribunal, giet ipprezentat kopja tan-notifika permezz tal-affissjoni fil-gazzetta lokali.

Relevanti hafna hija x-xhieda tal-Marixxal John Francica li kkonferma li huwa nnotifika dar bl-isem "Sunset" fl-istess triq li kellu jaghmel in-notifika, u cjoe`, fi Triq Uqija, Swieqi, meta n-notifika kellha ssir f' "Sunset Lodge" Flat 2, Triq Uqija, Swieqi. Ghalhekk, jidher car, li ghalkemm sehhet il-procedura tan-notifika, din saret post iehor u mhux fejn kellha indikat biex issir. Huwa ferm dubjuz kemm il-procedura tal-affissjoni fil-Gazzetta Lokali setghet tkun valida u applikabbli, ladarba kienet diga ngiebet a konoxxenza tat-Tribunal, li l-indrizz li fih saret l-affissjoni ma kienx dak appartenenti lill-intimat fil-kaz quddiem it-tribunal. (Ara **Joseph Cassar vs Fogg Insurance Agencies** Ltd. et, P.A. 425/2010 (GCD deciza fit-30 ta' Gunju 2011).

Illi l-**artikolu 187(1) tal-Kap 12** jipprovdi:

"*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll ssir billi dik il-kopja tihalla fil-lok fejn toqgod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna, f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtroizzata minnha biex tircievi l-posta taghha."*

Dan ifisser li n-notifika trid issir fil-lok fejn wiehed jirrisjedi jew fejn jahdem. Illi fil-kaz in ezami, certament, in-notifika ma saritx fejn kien jirrisjedi Mohib Abouzidan.

Illi kif inghad fil-Qorti tal-Appell inferjuri fil-kaz **Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc** deciza fit-28 ta' Marzu 2007:

*"In-notifika f'idejn min hu indikat li jircievi l-posta f'dawk ic-cirkustanzi hi, f'konkorrenza ma' dawk l-ohra superjorment indikati, wahda mill-modi li permezz tieghu n-notifika tista' tigi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta` inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbaghat fil-lok iddezinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali ghan-notifikazzjoni validament esegwita. B'dan il-mod l-**Artikolu 187 (1)** precitat johloq il-prezunzjoni iuris tantum illi n-notifika hu xjenti mill-att tal-avviz notifikat lilu ghall-istawrar tar-rapport processwali. Dan igib li jinkombi fuq id-destinatarju ta' l-att l-oneru li jipprova li hu ma rceviex l-att."*

Illi mill-provi migjuba, jirrizulta li ma saritx la n-notifika diretta u lanqas dik indiretta *ai termini* tal-**artikolu 187(1) tal-Kap 12**. Ir-rikorrent fil-kaz in dizamina, ossija d-

destinatarju, fil-kaz deciz mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, tramite x-xhud rapprezentant tar-Registru Elettorali, wera li sa mill-2011 l-indirizz tieghu kien “Sunset Lodge”, Flat 2, fi Triq l-Uqija, Swieqi. In segwitu, mill-istess inkartament tat-Tribunal, anness f’dawn l-atti, jirrizulta, li giet ipprezentata nota minn John Gauci li kien ircieva l-atti minflok id-destinatarju, li kellu jircievi l-atti. Ghalhekk, in-notifika ma saritx fejn kellha ssir, peress li saret f’indirizz zbaljat u f’residenza ohra, ghalkemm fl-istess triq. Ghal din ir-raguni, ma kienx hemm notifika korretta *ai termini* tal-artikolu 187(1) tal-Kap 12. Konsegwentement, ma jistax jitqies li r-rikorrent kien notifikat bl-atti tal-kaz kontrih, u din instemghet u giet deciza minghajr ma nghata l-opportunita` li jinstema’ kif trid il-ligi u kif hemm enuncjat fil-principji ta’ ekwita` u gustizzja naturali. Isegwi li huwa attendibbli dak li jghid ir-rikorrent odjern li baqa’ ma sarx jaf bl-ezistenza ta’ dik il-kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, sakemm ircieva l-ittra legali datat 27 ta’ Awwissu 2015 (Dok B).

Ghaldaqstant il-Qorti taqbel li d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar datata 14 ta’ Lulju 2015 ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett *ai fini* u effetti kollha tal-ligi minhabba ksur tal-principju tal-gustizzja naturali ta’ *audi alteram partem*.

Dan huwa anke ammess mid-Direttur Qrati Civili u Tribunali li sahansitra gab in-nuqqas ta' notifika a konjizzjoni tat-Tribunal u difatti, in-nota tieghu datata l-4 ta' Mejju 2015, hija inserita fl-atti tal-kawza esebiti f'dawn il-proceduri. L-intimat lanqas jikkontesta dan il-fatt . Din il-Qorti ma tistax ma turix it-thassib taghha dwar il-mod kif in-

nota tar-Registratur giet injorata kemm mill-gudikatur kif ukoll mid-difensuri tal-attur f'dawk il-proceduri. Is-sentenza tat-Tribunal inghatat fl-14 ta' Lulju 2015 minghajr ma saret l-ebda ordni sabiex in-notifika tigi regolarizzata kif trid il-ligi u kif iridu l-aktar principji bazici tal-gustizzja naturali u tas-smigh xieraq.

**L-ewwel Eccezzjoni tal-Kjamat in Kawza**

Rigward l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza Direttur Qrati Civili u Tribunali, dak li jrid jigi stabbilit fl-ewwel lok, meta jigi ezaminat jekk il-persuna hijiex il-legittimu kontradittur ta’ parti fil-kawza, jehtieg li fuq bazi *prima facie*, jigi ezaminat jekk il-persuna li giet imharrka kienitx materjalment involuta fl-ilment attwali tal-atturi. (Ara **“Grace Sacco vs is-Superintendent Mediku fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex et”**, P.A. Gurisd. Ghawdex (AE) 16 ta’ Ottubru 2007).

Ikkonsidrat li l-kawza odjerna hija ta' stharrig gudzzjarju ta' sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar minhabba nuqqas ta' notifika. Fil-kaz odjern ir-rwol tar-Registratur hu wiehed purament amministrattiv billi huma l-funzjonarji tal-Qorti li jeffettwaw in-notifiki tal-atti gudizzjarji.

Ma jirrizultax mill-atti li ebda wiehed mill-partijiet kien qed jasserixxi xi nuqqas fuq il-kjamat in kawza u ghaldaqstant ma hemm l-ebda addebitu li ghalih huwa imsejjah li iwiegeb .

Hawnhekk taghmel riferenza ghal dak li gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament kostitwita fil-kaz **George Xuereb v**

**Registratur tal-Qrati deciz fl-14 ta' Marzu 2002. Din il-parti tas-sentenza ma gietx appellata u allura ghaddiet in gudikat:-**

*"Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu ndipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens, mela, li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura, ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistghax hawnhekk ikun legittimu kontradittur."*

Hu propju ghalhekk, mela, li din l-eccezzjoni sollevata mid-Direttur Qrati Civili u Tribunal qed tigi milqugha, u hu qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**L-ispejjez ser jigu addebitati lill-intimat in kwantu li l-htiega ghall-kjamat fil-kawza tad-Direttur kien gie eccepit minnu.**

**<u>Irregolaritajiet fil-Proceduri - L-Ewwel Talba tar-Rikorrent</u>**

Illi r-rikorrent qed jitlob ukoll li din il-Qorti tiddikjara li fl-atti gudizzjarji quddiem it-Tribunal, l-attur f'dawk l-atti (l-intimat odjern) gie indikat b'referenza ghan-numru tal-karta tal-identita' tar-rikorrent odjern u dan sehh partikolarment fl-Avviz tat-Talba, fl-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern, u sahansitra fl-okkju tal-kaz.

Illi jirrizulta mill-gurisprudenza citata, senjatament minn dak deciz fis-sentenza sucitata fl-ismijiet **Wilfred Privitera vs Anthony Bonello** li l-irregolaritajiet imsemmija fl-okkju u fl-atti, ghalkemm gravi, ma jistghux jigu invokati quddiem din il-Qorti f'dawn il-proceduri. Ghar-rigward ta' dawn il-lanjanzi, is-sentenza ghaddiet in gudikat u ma tistax terga' tinfetah ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti abbazi tal-gurisdizzjoni generali taghha.

Ghaldaqstant l-ewwel talba ser tigi michuda.

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Ghalhekk, ghal-dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat u tal-kjamat in kawza kif spjegat, u tillibera lill-kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

Tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tichad l-ewwel talba ghar-ragunijiet fuq spjegati.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li d-decizjoni Numru 66/2015 YMS fl-ismijiet "**Akram Jrirah vs Mohib Abouzidan"** hi nulla, invalida u minghajr effett.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li kwalsiasi att gudizzjarju imsejjes fuq din id-decizjoni sucitata, hu wkoll invalidu, null, u bla effett skont kif jiddisponi l-Artikolu 98 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

4. Tastjenti milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba in kwantu li dan hu soddisfatt b'dak hawn fuq deciz.

L-ispejjez - inkluzi dawk inkorsi mill-kjamat fil-kawza - jithallsu mill-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2017**